April 2017 — Ħarġa 297

# Ħolqa Bejnietna

*Parroċċa Sant’Anna, Wied il-Għajn*

Maħruġ mill-Kunsill Pastorali Parrokkjali

Sena Fostna
Sant'Anna, Wied il-Għajn
1947 - 2017



*Il-Kelma tal-Kappillan*

## Ma jitlaqna qatt...

Ġesù hu l-ħabib li ma jitlaqna qatt. Ukoll meta nidinbu jistenna bis-sabar li nerġgħu lura għandu u b’din l-istennija, hu juri kemm jixtieq jaħfrilna. Ma jitlaqna qatt għax permezz ta’ Ġesù, il-Missier iħeġġiġna nitbiegħdu mis-solitudni u mid-dnub.

**Fejn mhemmx Alla hemm it-telqa.**

Ma ninsewx li huwa Alla li għamel l-ewwel pass biex jidħol fil-ħajja tagħna. Fil-Ktieb ta’ Ġeremija jgħidilna “Qabel ma sawwartek fil-ġuf, għaraftek; qabel ma ħriġt minn ħdan ommok, ikkonsagrajtek” (Ġer 1, 5). Qatt m’għandna ngħejjew ninġabru bħala familja li temmen fi Kristu, li jgħaqqad u jdawwal il-ħajja tagħna u nħalluh jgħannaqna mas-salib tiegħu sabiex inġarbu l-agħar mumenti tal-ħajja bis-sabar.

**Fejn mhemmx Alla aħna nistgħu nitilfu l-personalità tagħna.**

Aħna bnedmin insara għalhekk aħna nitkellmu bil-lingwa tal-għaqda. Dan ma jfissirx li nwarrbu l-karattru tagħna imma flimkien nimxu l-mixja tal-fidi li tagħtina identità quddiem dak li jixtieq Alla minna. Ejjew inkunu kuraġġużi fl-għażliet tagħna u fil-bidliet li meħtieġ nagħmlu biex inkunu komunità li tixhed iżjed għal Ġesù Rxoxt.

**Fejn mhemmx Alla hemm bibien magħluqa.**

Ġesù jgħaddi mill-bibien magħluqa taċ-Ċenaklu. Jalla l-bibien ta’ qalbna, il-bibien ta’ djarna u l-bibien tal-komunità tal-parroċċa tagħna jkunu bibien dejjem miftuħa. Bibien li minnhom nidħlu biex niltaqgħu, nisimgħu u nirċievu l-Kristu Rxoxt u li minnhom noħorġu sabiex nagħtu xhieda u nwasslu lil Kristu ħaj lil kulħadd.

**Fejn mhemmx Alla nħarsu biss lejn in-negattiv.**

“Jiena magħkom dejjem sal-aħħar taż-żmien.” (Mt 28, 20) Aħna maħluqin biex innislu t-tama għax konvinti li Ġesù ma jitlaqna qatt. Ejjew aħna wkoll ma nitilqu qatt lil Alla u lil xulxin f’ħajjitna. Ejjew nuru din l-għaqda fil-komunità tagħna billi nagħtu sehemna bħala letturi, ngħinu fil-kant u fil-liturġija, ngħinu bħala *helpers* fil-Parroċċa u modi oħra.

Dan kollu għax hemm Alla li ma jitlaqna qatt u għax irridu l-ġid lil-familja ta’ Alla li hija l-Knisja. L-Għid it-Tajjeb.

Kunu mberkin.
Dun Roderick
Kappillan





## *The English Speaking Community in our Parish*

***Fr Victor Agius***

# The Power of Easter

Our Easter greetings through the words of Bishop Klaus Hemmerle:

**"I wish that we could all have Easter eyes capable of looking into death, until we see life, into hurts, until we see forgiveness, into separation, until we see unity, into wounds until we see glory, into the human person, until we see God, into God, until we see the human person, into Myself, until I see You. And in addition to this, to see the power of Easter!" (Easter 1993).**

May we all wish to have, always among us, His presence as the Risen One in our families and community.



**Aħna s-saċerdoti flimkien mal-Kunsill Pastorali nawgurawlkom**

## l-Għid it-Tajjeb.

**Wasslu l-ferħ ta' Kristu Rxoxt ukoll lil ħutna l-morda fid-djar tagħhom.**




# Lectio Divina

**nhar it-Tlieta 25 ta' April**

**mis-7:00pm sat-8:00pm**

**fis-Sala Sant'Anna**

**minn Lydia Debono**

***Kulħadd huwa mistieden***

## *Tberik tal-Familji fid-djar — Żmien l-Għid 2017*

It-Tlieta 18 ta' April 2017 ikompli t-tberik tal-familji. Hija okkażjoni li s-saċerdot jitlob flimkien mal-membri tal-familja għall-barka u għall-paċi ta' Kristu Rxoxt. It-tberik jibda fl-4:30pm.

| | |
|---|---|
| Il-Bidni | It-Tnejn 15 ta' Mejju |
| Il-Lay Lay Complex | Il-Ġimgħa 5 ta' Mejju |
| Triq Dun Frans Bianco | It-Tlieta 18 ta' April |
| Triq Għar ix-Xama | It-Tlieta 2 ta' Mejju |
| Triq Għaxqet l-Għajn | Il-Ġimgħa 21 ta' April |
| Triq Hurd's Bank | L-Erbgħa 19 ta' April |
| Triq id-Daħla ta' San Tumas | Il-Ġimgħa 12 ta' Mejju |
| Triq il-Bajda u s-Sewda | It-Tlieta 2 ta' Mejju |
| Triq il-Bajja | It-Tnejn 1 ta' Mejju |
| Triq il-Batterija taż-Żonqor | It-Tlieta 18 ta' April |
| Triq il-Blajjiet | L-Erbgħa 19 ta' April |
| Triq il-Blajjiet (il-Parti t-isfel li tmiss ma' Triq iż-Żonqor) | It-Tlieta 2 ta' Mejju |
| Triq il-Ħabaq | It-Tnejn 24 ta' April |
| Triq il-Kosbor | It-Tnejn 24 ta' April |
| Triq il-Maħsel | L-Erbgħa 10 ta' Mejju |
| Triq il-Merqtux | Il-Ġimgħa 21 ta' April |
| Triq il-Qaliet (minn Villa Sant' Anna sal-Bajja ta' San Tumas) | L-Erbgħa 10 ta' Mejju |
| Triq il-Qawsalla | It-Tnejn 8 ta' Mejju |
| Triq in-Nagħniegħ | Il-Ġimgħa 21 ta' April |
| Triq ir-Rand | It-Tnejn 24 ta' April |
| Triq ir-Riġnu | It-Tnejn 24 ta' April |
| Triq ir-Rumi | Il-Ġimgħa 12 ta' Mejju |
| Triq is-Salvja | It-Tnejn 24 ta' April |
| Triq is-Sdieri | It-Tlieta 2 ta' Mejju |
| Triq iż-Żonqor | Il-Ġimgħa 28 ta' April |
| Triq Lampuka | It-Tnejn 8 ta' Mejju |
| Triq l-Artillieri | It-Tlieta 18 ta' April |
| Triq Latmija | It-Tnejn 15 ta' Mejju |
| Triq l-Għaġuza | It-Tlieta 2 ta' Mejju |
| Triq l-Għargħar | It-Tnejn 15 ta' Mejju |
| Triq l-Għawwiema | It-Tnejn 1 ta' Mejju |
| Triq l-Imm. Kunċizzjoni | L-Erbgħa 19 ta' April |
| Triq l-Imriekeb | L-Erbgħa 3 ta' Mejju |
| Triq Papa Ġwanni Pawlu II | It-Tlieta 18 ta' April |
| Triq San Ġorġ | Il-Ġimgħa 28 ta' April |
| Triq San Ġużepp | L-Erbgħa 26 ta' April |
| Triq San Luqa | L-Erbgħa 26 ta' April |
| Triq San Nikola | It-Tnejn 1 ta' Mejju |
| Triq Santa Marija | It-Tnejn 1 ta' Mejju |
| Triq Torri Mamo | Il-Ġimgħa 12 ta' Mejju |
| Triq Vittorio Cassar | Il-Ġimgħa 5 ta' Mejju |
| Wied iz-Ziju | It-Tnejn 15 ta' Mejju |


**PRIVAT**

**Marsaskala**

**Pure Maths A/l Level**

**Maths / Physics O-Level**

**TEL : 21641633**

**Mob.: 79796770**



# Mill-Ħajja tal-Parroċċa - April 2017

| | | |
|---|---|---|
| **31 ta' Marzu** | | Fis-7.15pm Quddiesa u wara Via Sagra fi Triq il-Gross, Bellavista. Il-quddiesa tkun fit-triq ta' faċċata tal-Inspire. |
| **1 ta' April** | | Fil-5.00pm tluq minn quddiem is-Sala Sant'Anna għall-Via Sagra organizzata mill-Kummissjoni Djoċesana Tfal fil-ġonna tal-Palazz Verdala, il-Buskett. |
| **2** | **Il-Ħadd** | **Il-5 Ħadd tar-Randan.** |
| **Mit-3 sas-7** | | Fit-7.15pm Eżerċizzi għall-koppji fil-Knisja Parrokkjali mmexxija minn Fr. David Cilia. |
| **6** | **Il-Ħamis** | Mit-8.30pm sal-10.00pm Velja ta' Qrar u Adorazzjoni fil-Knisja Parrokkjali. |
| **7** | **Il-Ġimgħa** | **Id-Duluri u l-Ewwel Ġimgħa tax-Xahar.** Quddies fis-7.00am, 7.45am, 8.30am, 9.15am u 12.00pm. Fil-5.00pm Via Sagra, 5.30pm Quddiesa u fis-6.00pm Purċissjoni bl-istatwa tad-Duluri. Fis-7.15pm Quddiesa oħra. Fit-8:30pm il-membri tal-mużew ser imexxu mument qasir ta' talb fuq Marija Addolorata. |
| **9** | **Il-Ħadd** | **Ħadd il-Palm.** Fid-8.45am tberik taż-żebbuġ fil-Mużew tas-subien u purċissjoni bit-tfal lebsin ta' Lhud lejn il-Knisja Parrokkjali għall-Quddiesa tad-9.15am. |
| **10** | **It-Tnejn** | Fis-7.15pm Quddiesa fiċ-Ċentru tal-Katekiżmu tal-Munxar u wara Via Sagra fl-inħawi tal-Munxar. |
| **11** | **It-Tlieta** | Fis-7.15pm Velja ta' Talb fil-Kappella tal-Madonna tar-Rużarju fil-Villa Apap Bologna. |
| **12** | **L-Erbgħa** | Fis-6.15pm tluq minn quddiem is-Sala Sant'Anna għall-Via Sagra Djoċesana. |
| **13** | **Il-Ħamis** | Fid-9.15am Quddiesa tal-Griżma fil-Konkatidral ta' San Ġwann, il-Belt. Fl-4.30pm Quddiesa animata għat-tfal fil-Knisja Parrokkjali u fis-6.30pm Konċelebrazzjoni ta' Ħamis ix-Xirka. Fit-8.00pm Viżti għal kulħadd. |
| **14** | **Il-Ġimgħa** | **Il-Ġimgħa l-Kbira. Jum ta' sawm u astinenza.** Fis-7:00am jkollna adorazzjoni u visti, fit-8:00am t-Tifħir ta' Sbieħ il-Jum u l-Knisja tibqa miftuħa sa 12:00pm. Fit-3:00pm jkollna t-Tifkira tal-Passjoni tal-Mulej. Qed nistiednu lit-tfal u lil min jixtieq biex għal din il-funzjoni nġibu magħna fjura għal wara l-funzjoni. |
| **15** | **Is-Sibt** | Is-Sibt mis-6:30pm sas-7:30pm ikun hawn il-qrar fil-Knisja Parrokkjali. Fit-8:00pm tibda ċ-Ċelebrazzjoni tal-Vġili tal-Għid il-Kbir. |
| **16** | **Il-Ħadd** | **L-Għid il-Kbir.** Fil-quddiesa tad-9:15am jitqassmu l-figolli lit-tfal u jsir it-tberik tagħhom. |
| **23** | **Il-Ħadd** | **It-2 Ħadd tal-Għid u l-Festa tal-Ħniena Divina.** Fil-Knisja Parrokkjali ssir siegħa adorazzjoni li tibda fil-5:00pm u wara l-quddiesa fis-6:00pm. |
| **25** | **It-Tlieta** | Wara l-quddiesa tas-6:30pm kulħadd huwa mistieden għal-Lectio Divina fis-Sala Sant'Anna. |
| **30** | **Il-Ħadd** | **It-3 Ħadd tal-Għid.** |
| **1** | **It-Tnejn** | **Il-Festa ta' San Ġużepp Ħaddiem.** Fil-Quddiesa tas-6:30pm isir it-tberik tal-għodda. |